# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeüġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

116. | 19 ta' NOVEMBRU 1910. | IT-TIELET SENA

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' üara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeü b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eüüel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jiabagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

## IT-TABIB PULLICIN

Dana il patriotta ħabriechi u onest ilu jaħdem għall veru gid ta' pajjisu ma't-tlietin sena, u f'dana iż-żmien tüil collu ħadd ma jista jgħid akkal m'il isem tiegħu. Chiecu fittex rasu bħal ħadd ieħor u kagħad għall professjoni u għal l-ispiżżerija li chellu sa'l-lum chiecu għamel clientela sabiħa u gheddes ħafna flus. Iżda billi kalbu chienet minn dejjem mixgħula bl-imħabba lejn art tüielidu iccuntenta b'dac li għandu u ried jati ħsiebu, xogħlu u il kliegħ tiegħu għal gid ta'l poplu li tant ijħobb u li miegħu dejjem mexa. F'il ħafna snin li katta f'il Cunsill katt ma għamel il figura ta' pupu u dejjem chien minn ta'l eüüel biex jitchellem u jakbeż cull meta dehirlu li sejjra tgħaddi xi ħaġa contra il gid tagħna. Il cbir Savona chien ijgħożżu ħafna għaliex chien jaf li jisüa üisk u li cull ma chien jagħmel chien dejjem jagħmlu għal l-imħabba u għall gid ta'l pajjis. Taħt il bandiera ta' dac il general famus it-Tabib Pullicin dejjem iccumbatta għall pajjis ta' kalbieni u għall ħeġġa tiegħu chien maħbub minn cullħadd.

Meta Savona irtira m'il politica Pullicin ried jibka jaħdem għall pajjisu u għalhecc għadda taħt il bandiera ta'l pattiott cbir l-ieħor Fortunatu Mizzi li meta ra il ħeġġa cbira tiegħu u chemm chien tasseü ijħobb il pajjisu sar ijħobbu üisk u dejjem żammu ma' genbu f'it-takbidiet ħorox ta'l politica tagħna. Meta miet il mibchi Mizzi u bħala Cap ta'l Poplu ħa ir-riedni f'idejh is-Sur Cicc Azzopardi dana gibdu miegħu u dejjem riedu b'Cunsilier miegħu f'cull elezjoni li chellna sa'l aħħar üaħda.

Dana jurina b'iċ-ċar li it-tliet mexxejja ta'l poplu Savona, Mizzi u Azzopardi chellhom collha fiduċja cbira f'it-Tabib Pullicin u dejjem żattuh għal Cunsilier; u il poplu dejjem kagħad għall fehma tagħhom billi dejjem ivvota għalih f'cull elezjoni li resak għaliha.

Issa ingħid jien chiecu it-Tabib Pullicin ma chienx ta' ħila, li ma chienx onest u ta' min jifdaħ, li ma chienx jinkala għal dac ix-xogħol tant tkil chiecu tliet politici bħal ma huma Savona, Mizzi u Azzopardi u il poplu collu magħhom chienu jintebħu u ma jtellgħuhx actar Cunsilier biex jeħilsu minnu.

Iżda dana m'hux talli katt ma ġara iżda sar dejjem il cuntrarju u sa l-aħħar elezjoni ta' Ottubru ta's-sena l-oħra is-Sur Cicc ħambak għalih chemm felaħ biex ijtellgħu Cunsilier u il poplu bakagħlu fih il fiduċja tiegħu billi ħatru u b'ħafna voti.

Mela il condotta politica ta't-Tabib Pullicino sa' Ottubru ta's-sena l-oħra ħadd ma għandu xi jgħid xejn fiha għad li chien ilu jindaħal f'il politica ma't-tlietin sena, u il għamil tiegħu gie approvat minn Savona, Mizzi u Azzopardi ma'l cotra ta'l poplu.

Natu issa dakka ta' għajn biex naraü jecc it-Tabib Pullicin nakasx f'xi ħaġa minn Ottubru ta's-sena l-oħra l-haün biex ijcun ħakku jitlef il fiduċja ta'l poplu.

It-Tabib Pullicino iffirma programm u fih üiegħed li malli jidhirlu li m'il Ministru ma aħna sejjrin nakilgħu xejn għandu jitlak. Ta' galantom veru li hu malli fehem dana üiegħed li għandu jitlak u żamm chelmtu għax TELAK.

Id-dicjarazjoni li għamel li f'Ottubru li għaddha għandu jitlak ma għamilhiex biex jidħad biha f'üiċċ il poplu jeü biex ijgħaddi iż-żmien bih iżda għamilha b'is-serjetà collha u malli üaslu l-14 ta' Ottubru TELAK U ŻAMM CHELMTU.

F'il Cunsill meta ra li is-Sur Cicc beda jmil m'al Gvern u ried saħansitra jgħaddi it-taxxi taħt għamla ta' sensji it-Tabib Pullicin nafar u inchiser ma'l *Leader* tiegħu u minn haün, għaliex ma riedx jokgħod ta' pupu biex is-Sur Cicc jigbidlu il ħajta u għax ma riedx li jimxi scond il fehma tiegħu f'collox u dac li dehir-

lu li sejjer ijcun gid għall pajjis bdiet il ġuerra ta's-Sur Cicc contra tiegħu b'dauc il ħafna pastażati li cull min jakra *L'Avvenire* iddardar sa mnieħru bihom. Jiddispjacini li mhabba f'il ūisa ma nistax infehimcom ħaġa b'ħaġa chemm il darba is-Sur Cicc ivvota ma tul dina is sena, igifieri minn mindu daħal fl-Esecutiv b'it-tliet mitt lira, contra il veru gid ta'l poplu u chemm il darba it-Tabib Pulliċin kam ivvota contra tiegħu biex ma jħallix lill Gvern ijcasbarna actar u jagħmel dac li jrid bina; u għalhecc is-Sur Cicc nafar contra tiegħu bl-icreħ u beda jxeūlaħlu ma' ūiċċu dauc il ħafna insulti collha.

Mela jecc issa is-Sur Cicc ma għadux ijħambak biex ijtalla bħala Cunsilier l'it-Tabib Pullicino il ħtija ma hi xejn ta' dana iżda ta's-Sur Cicc li ċaħad il politica tiegħu l-imgħoddija collha billi kal li sbalja u billi minn mindu daħal fl-Esecuttiv bi tliet mitt lira f'is-sena barra m'il pircaċċi kal li jrid jibda politica ġdida li ma dakketx għall ūidnejn it-Tabib Pullicino u il Contin u Avucat Caruana-Gatto.

Jecc jidhrilcom li l-Avucat Caruana-Gatto ma jafx jaħsibha jeū m'hux galantom allura it-Tabib Pullicino la mexa bħalu hu injurant u disonest f'il politica; iżda jecc tifhmu li Caruana-Gatto hu bniedem ta' intelligenza u onestà cbira chif ijżommu cullħadd u is-Sur Cicc ucoll, allura it-tort ma hux ta't-Tabib Pulliċin iżda ta's-Sur Cicc u dauc Sħabu li ma telkux.

Mela f'dina is-sena li għaddiet ucoll it-Tabib Pulliċin ħareġ ta' ragel, ta' galantom, ta' onest, ta' bniedem li ma ūiegħed xejn biex jidħak f'ūiċċ il poplu, u ta' veru patriotta u għalhecc ma hemmx għal fejn ūiehed ijnakkas il fiduċja li dejjem chellna fih.

Mela : —

(1). It-Tabib Pullicin hu bniedem pratcu f'il politica tagħna minn TLIETIN SENA u għalhecc jista jakdi dmiru tajjeb ħafna.

(2). It-Tabib Pullicin hu għani minn daru u ma jridx ijgħix m'il politica u għalhecc ma għandu bżonn ta' xejn mill Gvern u chiecu chien fl-Esecutiv chiecu ilu li ħabbatlu it-tliet mitt lira ma' ħalku billi MA JRIDX IJGHIX MINNHOM.

(3). It-Tabib Pullicin dejjem chellu il fiduċja ta' nies bħal Savona, Mizzi, Azzopardi u illum jinsab imressak minn Cumitat ta' ħafna patriotti fosthom Monsinjur Panzavecchia; u dan l-aħħar ħareġ tant ta' ragel u żamm tant chelmtu li tcattritilna il fiduċja fih.

(4). It-Tabib Pullicin ma ħalliex l'is-Sur Cicc ijmixxih minn imnieħru għal politica il ġdida ta't-tliet mitt lira iżda mexa scond il veru gid ta'l pajjis u għalhecc nitma li l-Eletturi ta'l Eūūel Distrett jerġgħu jivvotaū għalih bħal ma għamlu fl-aħħar Elezjoni.

# Il Marchis Apap-Bologna

Jecc f'Malta haūn bniedem li tasseū hu imżejjen b'dauc il qualità collha sbiħ li hemm bżonn biex jagħmlu il Cunsilier perfett dana hu bla dubju ta' xejn il MARCHIS APAP-BOLOGNA, dac, li għandu il villa f'tarf H'Attard.

Nibdeū m'il intelligenza tiegħu u ingħidu li in-Nobbli l-oħra li jafuh seūūa ħatruh, għad li għadu żagħżugħ ħafna, bħala President ta'l Cumitat ta'l Privileġgi ta'n-Nobiltà Maltija u dam f'dina il carica għal bosta żmien. Issa ingħid jiena jecc fost ħafna nobbli imdaħħlin f'is-snin u għalhecc li għandhom il pratca ta'l ħajja u fost ħafna nobbli oħra li huma imgħallmin tajjeb fl-aħjar schejjel ta' Barra minn Malta ucoll, ħatru lilu biex jiddefendilhom il privileġgi tagħhom, dana m'hux biss juri li hu bniedem ta' ħila cbira iżda li l-Eletturi ta's-Seba Distrett ma jagħmlu xejn ħażin li jibagħtuh f'il Cunsill biex jidher għalihom.

Mela għal dic li hi ħila ma għandna xejn x'ingħidu contra l-intelligenti Marchis Apap-Bologna u jisūa sgur daks min ijrid ijtalla is-Sur Cicc u daks bosta milli is-Sur Azzopardi għandu ma' spalltu.

Barra minn dana il Marchis Apap-Bologna hu bniedem stmat u għani ħafna u bħala President ta'l Cumitat ta'n-Nobbli Maltin hu imdeffes u mistieden cullimchien. Mela dana ma jmurx jimbiegħ ma'l Gvern u la għaż-żegħil, u la għal l-istedin u lankas għal xi interess għaliex il Marchis hu imxabba minn daūna il ħūejjeġ u ma għaudux bżonn li jsir Cunsilier biex jibda jcun mistieden f'il Palazz u biex jibda jagħmilha ma'l irjus cbar għaliex dana collu jista jilħku b'il posizjoni li għandu għax tūieled biha u b'dic li taūh sħabu in-nobbli l-oħra ucoll. U l-interess ma jistax jagħmel bih għaliex cullħadd jaf li hu għani tasseū u li ma għandux bżonn it-tliet mitt lira ta'l Esecutiv biex ijgħix bihom għaliex Alla għoġbu jatih gid chemm jasa gildu.

Barra minn dan hu patriotta veru u sincier sa għarkubu u għad li għadu katt ma ħareġ Cunsilier dejjem ħa interess cbir f'il politica ta'l pajjis u dejjem ūera li jħobb tasseū il pajjisu. U dana ma jistax jonkos għaliex il mejjet missieru Felicissimu chien patriotta m'il cbar u chien ijħobb il pajjisu daks il mimmi ta' għajnejh u għalhecc dana ma satax ma jseūūibx ġo kalb ibnu dic l-imħabba cbira lejn Malta li chellu tħaġġeġ f'kalbu hu.

Ma dana irrid inżid li il mibchi Savona chien chemm il darba tħabat ħafna m'al Marchis Apap-Bologna biex joħorġu Cunsilier u hu katt ma ried jaċċetta. Dana jurina ċar li la Savona riedu hi turija li għall politica jisūa tasseū u meta ma accettax ūera li ma chellu l-ebda regħba li jitla hemm fuk u li ma chellu l-ebda interess li jsir Cunsilier. Jecc aċċetta issa lankas ma għamlu minn jeddu jeū għax iżżattat; iżda ūara li għal ħafna ġranet tħabtu miegħu ħafna cbarat u kalulu li hemm bżonnu f'dana il mument icreħ li għaddejj minnu il pajjis. U hu aċċetta li joħroġ b'daūna il chelmiet:— «*Sejjer ingħid iva biex nagħmel sacrifiċċju għall pajjisi li jiena tant inħobb.*»

Mela il Marchis Apap-Bologna hu bniedem ta' ħila u li għalhecc ma jagħmel l-ebda figura cherha meta jitla f'il Cunsill.

Hu bniedem għani u ma għandu l-ebda bżonn li jinkeda b'il Cunsill biex jiddobba x'impieġ jeū biex jisloħ it-tliet mitt lira.

Hu bniedem nobbli u stmat u għalhecc ma għandu l-ebda ħacc li jitla fuk is-siġġu ta'l bellus biex jibda jcun mistieden il Palazz jeū biex jibda jindeħes ma'l cbarat għaliex il posizjoni li għandu il-lum hi b'iż-żejjed biex tiftaħlu il būieb collha ta'l aħjar djar u palazzi ta' Malta.

Żidu ma' dana li hu veru patriotta sa'x-xfar ta' għajnejh u li fuk collox hu il veru galantom sa f'il ħajja privata tiegħu li f'il politica tisūa ūisk għaliex bħal ma jgħid tant tajjeb il għaref Silvju Pellico min ma jħobbx il familja iż-zgħira, igifieri il martu u l-uliedu, ma jista katt ijħobb il familja il cbira—li hi il patrija. Min ma jisthix jagħmel bixchilla ma hux sejjer jisthi jagħmel kartalla u għalhecc l-onestà privata ta'l Cunsilieri tgħodd ūisk. Il Marchis Apap-Bologna hu ūieħed minn dauc li ħadd ma jista jgħid akkal m'il isem tagħhom, u għalhecc hu imżejjen, bħal ma għidtilcom f'il bidu ta' dana l-articolu, b'dac collu li jinħtieġ biex ijcollcom Cunsilier chif ijmiss. Mela tcunu tasseū boloħ u ma tcunux kiegħdin tfittxu il veru gid tagħcom u ta' pajjiscom jecc ma tatux il vot tagħcom lilu.

IVVOTAŪ BLA BIŻA TA' XEJN GĦAL **MARCHIS APAP-BOLOGNA,** għaliex ma jibdilcomx sgur. Dana hu imres-

sak minn Cumitat ta' ħafna patriotti u sa chemm ħatru lilu jfisser li hu il bniedem li jinħtieġ f'dana il mument għal gid ta'l pajjis.

Intom tafu chemm hu galantom u chemm jisŭa għall pajjis il Contin u Avucat Caruana-Gatto, dac li kabel chien Cunsilier tagħcom u li telak biex żamm chelmtu ghax ma kabelx ma's-Sur Cicc fuk l-aftari ta'd-dimissjoni. Tafu min riedu l-eŭŭel ŭieħed il dana il Marchis Apap-Bologna? L-Avucat Caruana-Gatto stess; u sa chemm xtaku joħroġ dana jfisser li jisŭa, li hu ta' ħila, li hu galantom u li hu patriotta tasseŭ?

Mela okogħdu sguri li f'loc il Contin u Avucat Caruana-Gatto, il bniedem li ŭera tant ħila u mħabba lejn pajjisu f'iż-żmien li kagħad f'il Cunsill, sejjrin ijcollcom patriotta sincier u kalbieni iehor.

Ivvutaŭ mela għalih għaliex b'hecc tcunu kiegħdin turu l'is-Sur Cicc u Sħabu li intom ma intomx mogħoż u li tħallu min ijsukcom chif jakbillu; li intom ma bakgħilcom l-ebda fiduċja f'is-Sur Cicc u Sħabu għaliex naksu minn chelmithom f'dac collu li ŭiegħdu tant f'il programma chemm ucoll f'id-dicjarazjoni; tcunu ŭrejtu li intom poplu li ħakkcom Costituzjoni u m'hux bħal ma kallcom is-Sur Cicc f'il gazzetta tiegħu li għadcom l-ura ħafna biex ijcun ħakkcom li il Ministru jatihielcom. Tcunu fi ftit cliem ħrigtu ta' irgiel bħal ma ħargu iż-żeŭġ Cunsilieri Pullicino u Caruana-Gatto u m'hux ta' vavi bħal ma ħargu is-Sur Cicc u shabu li daħku bicom għal l-interessi tagħhom.

Żommu f'rascom ucoll li jiena meta faħħart l-onestà ta'l Marchis Apap-Bologna ma ridx indeffsilcom f'rascom li min sejjer joħroġ contra tiegħu ma hux onest ucoll; ridt biss infaħħar lilu bla ma inmakdar il ħaddieħor li hu onest u galantom xejn ankas minnu għad li żamm ma's-Sur Cicc u Sħabu.

# FRAC.

Nitolbu għa'r-ruħ ta' CARMNU SALIBA li miet ftit ilu ta' 62 sena imdaŭŭar b'il familja li chienet tant tħobbu għall għamil tiegħu tant tajjeb. Kalbu chienet ħanina ma' cullħadd.

★

Nirringrazzja b'kalbi collha l'is-Sur Serafin Vella ta'l copja li għoġbu jibgħatli ta'l conferenza b'it-taljan tant sabiħa tiegħu *Filantropia Cristiana* li jiena ġa faħħartha ħafna meta cont smajtha f'it-Teatru Cottoner ta' Bormla. Is-Sur Vella hu żagħżugħ ta' ħila cbira u għad ijcun Avucat m'it-tajjbin u b'daŭna il conferenzi tiegħu kiegħed juri li m'hux biss jistudja ħafna iżda li jaf tajjeb seŭŭa l-ilsien taljan li hu miżrugħ f'kalbna u f'kalb daŭc collha li jħobbu dana l-ilsien ħelu ta'l cbir Dante.

★

Ftit ġranet ilu Ġuże Barbara u David Fenech għaddeŭ ġurì għaliex geŭ gżati li għamlu tberbixa contra is-Socjetà Marittima «Lloyd.» Id-defendeŭhom tajjeb ħafna i-Avucati Ganado u Soler u geŭŭ meħlusin. Nifirhulhom.

★

Għarrfuni li il Furjana sejjra titŭakkaf Banda ġdida taħt l-isem ta' SAINT PATRICK'S u li tcun indipendenti minn cull ħadd. Nixtiekulha cull risk.

# Għa'n-Nisa.

Kabel nispiċċa irrid ingħallmec dina il biċċa massaġġ meħuda m'il ctieb famus «MY SYSTEM» ta' Lieut. Muller u li tħaddem ħafna id-demm u is-saħħaħ in-nervatura. Poġġi idejc miftuħa ma coxxtejc, chif tcun b'il ŭiekfa. B'il jeminija ogħoroc sa'l ircoppa b'il mod u m'il ircoppa il fuk b'ix-xellughija, actar kaŭŭi milli bl-id l-oħra. Ibda għaġġel il fuk u l isfel f'il ħin li ixxengħel gismec minn banda għal l-oħra. Agħmel l-istess esercizzju billi ittalla iż-żeŭġ idejn miftuħa m'il ircopptejn il fuk sa chemm tista u targa tnizzilhom f'il ħin li togħroc actarx kaŭŭi. Ma hemmx bżonn ingħidilcom li daŭna iż-żeŭġ esercizzi jridu jsiru fuk il-laħam. Daŭna l-aħjar li jsiru ŭara li tcun għamilt l-esercizzji l-oħra u ħadt il banju.

Daŭna l-esercizzji collha jridu jsiru b'it-tieka miftuħa u fejn ijcun hemm arja tajjba u jistgħu jagħmluhom l-irgiel ucoll. Għallmuhom l-uliedcom minn ċcunitcom u darruhom ŭarajhom jinħaslu bli *sponge bath*, igifieri billi chif ijcunu għarkana bl-esercizzji ittuhom id-deħxa chiesħa f'gisimhom collu billi tgħadduhulhom b'il ħeffa bi sponża imxarrba fl-ilma chiesaħ. Tibżgħux li jieħdulcom rieħ għaliex m'hux talli ma jiġrix dana iżda issaħħuhom daks l-azzar. Il ftit pacenzja li tieħdu u il ftit żmien li taħlu cull jum biex tagħmlu dana it-tħarriġ issibuh imcattar b'il mija f'il mija f'saħħitcom. Agħmlu dac collu li għidtilcom fuk is-saħħa u taraŭ chif ma jibdielcomx.

IL BICHI TA'T-TRABI.

Cull min chellu jeŭ għandu it-trabi jiftacar jeŭ jaf chemm hi ħaġa chiefra li tgħaddi lejl, u l-actar jecc jcun ta'x-xitŭa, tippassiġġa imtertra b'il bart, b'tarbija tiżżenghel f'idejc u b'missierha jsalli għaliex ma jistax jorkod. U it-tfixchil joctor meta ŭieħed ma jistax jifhem għala it-tarbija ma tridx torkod u għala ma tridx tiscot m'il bichi; u għalhecc jiena sejjra infiehimulcom ftit biex ijcun gid u mistriħ għalicom u għal uliedcom.

Ŭaħda m'il l-eŭŭel raġunijiet tcun actarx li tittappnu il coll f'camra ŭaħda, tagħilku cullimchien u issoddu sa'x-xkuk għaliex tibżgħu li tieħdu riħ u ma' dan iżżidu ucol xi lampa tixgħel il-lejl collu.

B'dana l-ossigenu li jcun hemm f'il camra u li minn għajru ħadd ma jista jgħix malajr jinħela u l-eŭŭel ma tħoss in-nukkas tiegħu tcun it-tarbija li tcun bdiet tifga b'il mod il mod bla ma intom tintebħu. Dana b'ir-raġun collu jkajjimha u sa chemm tibka tħoss ruħha kiegħda dejjem tifga imħabba f'in-nukkas ta'l ossigenu ma tiscotx. Mela ħuduha minnufih f'camra oħra fejn ma chienx hemm nifsijiet u b'hecc ma inxtorobx l-ossigenu u tarau chif it-tarbija malli iddaħħal f'demmha l-ossigenu li għandha bżonn ma tibkax tibchi u tŭerżak. U jecc triduha li ma tistenbahx u torkod lejlha collu donnha blata jecc ma tridux torkdu, chif ijmisscom b'it-tieka miftuħa beraħ, ħalluha għallankas imriccba fuk l-ispanjoletta, ħalli tidħol dejjem l-arja ġdida imgħobbija bl-ossigenu u toħroġ l-arja ħażina imgħobbija bl-acidu carbonicu li javvelena id-demm, u taraŭ chif intom ucoll torkdu ħafna aħjar u f'il għodu it-tarbija tisbaħ ŭiċċ ta' ŭarda u intom ma tisbħux donncom ċraret miblula.

Raġuni oħra għala jibcu tista tcun il gass li jcollhom f'żakkhom miġmugħ m'il fermentazjoni kaŭŭija li tcun kiegħda issir f'imsarinhom u li billi tonfħilhom żakkhom tcun kiegħda iġġibilhom l-ugiegħ ta' żakk. Kiegħduhom ŭiċċhom l-isfel, fuk żakkhom, u jecc fuk mitraħ jebes aħjar u ħalluhom ijferfru għal xi żmien b'riġlejhom u b'dirgħajhom u taraŭ chif dac it-tħaddim ijmixxilhom l-ichel jecc ijcun ŭakaf fuk l-istoncu u jcheċċilhom il gass li jcollhom miġbur f'imsarinhom. Jecc dana ma jcunx b'iż-żejjed xarrbu biċċa flanella fl-ilma chiesaħ u kiegħduhielhom fuk żakkhom bħal ma jgħid it-tabib Priessnitz u taraŭ chif tŭietihom ħafna. U il daŭc l-ommijiet li għadhom tant l-ura li għadhom jemmnu b'il f'iskija irrid inŭiddibhom li hu ħażin ŭisk li jfisku it-tarbija jeŭ li jħalluha imfiskija ŭara li jreddgħuhom jeŭ jitimgħuhom għaliex jecc it-trabi ma jcunux jistgħu jitliegħbu b'riġlejhom u b'dirgħajhom l-ichel ma jgħaddix u il ħalib jagħkad donnu ġbejna fuk l-istoncu tagħhom u b'hecc m'hux talli tagħmlulhom ħafna ħsara f'saħħithom iżda ucoll ijgħaddulcom daŭc l-iljieli ta'l infern jibchu. Mela meta it-tfal ma jorkdulcomx b'il-lejl araŭ li ma tatuhomx xi xaħxiħa imgħollija għaliex dic hi velenu kaŭŭi għa't-trabi u tħassrulhom moħħhom biha iżda ippruvaŭ dac li għidtilcom jiena.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# Pietru Mascagni.

Dan il famus compositur ta'l musica li minn mindu dehret il *Cavalleria Rusticana* tiegħu fl-1890, mela id-dinja collha b'ismu ŭieled f'Livornu fl-1863, igifieri sebgħa u erbgħin sena ilu. Missieru hu furnar u lil ibnu ma riedu katt jistudja il musica billi riedu jsir b'il forz furnar bħalu. Iżda Pietru ma riedx jokgħod jagħgen il ħobż iżda ried ijgħaxxi l'id-dinja b'il ħleŭŭa ta'l musica tiegħu u għalhecc fl-1876 beda jitgħallem il pjanuforti taħt l-imfaħħar surmast Soffredini. Ŭara xi erba lezjonijiet li tah chiteb *Kyrie*: Soffredini l-eŭŭel karras xuttejh iżda meta ra x'chiteb Mascagni baka mistagħgeb għaliex ra li chien frott ta' sigra l-actar għammiela. Għalhecc beda malajr ijgħallmu l-armonija u 'l contrapont u taħ jiccopja it-trattat collu ta'l Cherubini biex jifhmu aħjar. Mascagni beda għaddejj il kuddiem jum aħjar m'il ieħor u meta chiteb kuddiesa għal festa ta' pajjisu marret tant cotra ta' nies li chellha tindaħal il Pulizija imħabba f'ir-rassa li chien hemm u għad li il cnisja chien hemm sa żeŭġ iskfijiet f'is-*Sanctus* dac il poplu collu beda jċapċap idejh chemm jiflaħ bħal ma fl-*Agnus Dei* intexx f'il bichi. U dana meta ma chienx għad għandu ħlief sbatax il sena.

F'id-9 ta' Frar 1881 chiteb il Cantata «IN FILANDA» li irnexxiet bla tarf, kala rigali b'chemm jasa gildu u f'it-triek ma contx tara jimbiegħ ħlief ir-ritratt tiegħu. Dana ix-xogħol iddedicah l'is-Surmast Ponchielli, l-autur ta'l *Gioconda*, li chitiblu li chien tasseŭ ħieni li jakra dic il musica tant sabiħa u sħiħa (*d'essere veramente felice di leggere quella bella e sana musica, tutta cuore e tutta sentimento; essere facile pronosticare da questo primo saggio del Mascagni una delle più splendide carriere di compositore*» U, balleċ ma kalx ħażin.

Il Ponchielli stess ħajru biex ijressak xi xogħol tiegħu fl-Esposizjoni ta' Milan ta'l 1881 u Mascagni ħareġ ippremjat.

Haŭn ta ruħu biex jistudja il musica ta' Wagner u tgħallem it-*Trilogija* fuk ponot subgħajh. Mar Milan u tħabbeb ma' Boito, ma' Ponchielli u ma' Gomez u f'Firenze ferħu bih ħafna ucoll. D'il ħabta chiteb *Ave Maria* li irnexxiet ŭisk u inxtrat b'il ħatfa. Missieru biss għamel il gheddum u meta is-surmast Soffredini kallu biex jerħih għal collox ħalli jitgħallem il musica biss, kabad ħadba minn ta'l forn, gera ŭarajh biex jaksamlu rasu biha u kallu:—«Missieri chien jagħmel il ħobż, jena nagħmel il ħobż, u Pietru jaħtieġlu jagħmel il ħobż ucoll.» Fl-aħħar ŭara ħafna żegħil u talb kal «iva» iżda fuk il kalb u bired lejn ibnu b'mod li baka dejjem imfantas miegħu.

Mascagni haŭn sab ŭieħed li għinu palata seŭŭa biex ijgħaddi il kuddiem għaliex il Conti De Larderel meta sama il musica sabiħa ta'l *Alla gioja* ta' Schiller ċakaf miegħu b'il kalb f'dac collu li chien jinħtieġ. Dana daħħlu f'il Conservatorju ta' Milan iżda iddejjak magħluk u ġurnata ŭaħda Alla ma għamlu. Daħal bħala direttur ta'l Cumpannija ta'l Operetti Maresca, gera ma'l Eŭropa collha u chien gie haŭn Malta ucoll u ħabbat musica f'il "Manoel" tagħna. Iżda billi l-Impresarju ta'l Cumpannija chien jaħkru a jerdagħlu demmu iżżejjed darba geŭ fl-idejn u Mascagni telak b'martu għall bieb Alla. F'il bagoll chellu lest il manuscritt ta'r-*Ratcliff*. F'Cerignola fejn ŭaslu laħak surmast ta'l banda ta' hemm. Dic il ħabta chien sama b'il Concors ta' Sonzogno u billi fl-1879, fL'ivornu beltu, chien ra dramm il *Cavalleria Rusticana* li għogbu tħajjar li jicteb il musica għalih u għalhecc chiteb lill ħbieb tiegħu livornisi Targioni-Tozzetti u Menasci biex jagħmluhulu librett. Iżda meta lestih telku hemm għaliex ma deħirlux li chien ħaġa b'iż-żejjed u għal ftit ma għalaklux iż-żmien ta'l Concors. Fl-aħħar kaŭŭeŭlu kalbu u bagħat il *Cavalleria* li ħadet l-eŭŭel bi trionf li ma jintesa katt. Ŭara dina dehru l-opri tiegħu l-oħra li nistgħu ingħidu li collha ftit jeŭ ŭisk geŭ milkugħa tajjeb: ir-RATCLIFF, ZANETTO, l-AMICO FRITZ, ir-RANTZAU, l-IRIS, il MASCHERE u L'AMICA. Chiteb ucoll poema-sinfonicu lil *Ġacbu Leopardi*, il cbir poeta taljan, u il *Gavotta delle Bambole* li hi xi ħaġa ħelŭa tasseŭ. Laħak imbagħad Direttur ta'l Liceo Rossini ta' Pesaro f'loc il mejjet Pedrotti u għad li dana hu ŭieħed m'il akŭa culleġġi ta'l musica Mascagni ŭera li għandu il ħila li jmixxih il kuddiem billi ħargu minn taħt idejh bosta li ġa kalgħu ħafna tifħir f'il chitba ta'l musica.

Mascagni hu conferenzier tajjeb ħafna u kala ħafna tifħir f'Venezja meta tchellem fuk «*L'Eredità del Secolo*». Fi Vienna lakgħu tajjeb ħafna l-Imperatur Francescu Ġużeppi ta'l Aŭstrija u laħħku sa Cavalier. Meta laħak Sultan ta' Spanja Alfonsu Tlittax Mascagni gie mistieden biex ijħabbat id-*Don Giovanni* f'it-teatru ta' Madrid u cullħadd ferah bih u is-Sultan stieden lilu u lil martu sa għall ballu ta'l palazz. Fl-Esposizjoni ta' Copenhagen ta'l 1902 chienu ħatru nies cbar bħal Tolstoi, Spencer, Chamberlain, Berthelot u oħrajn biex ijŭieġbu għal xi mistoksijiet. Għal dic li hi musica ħatru lil Mascagni biex ijŭiegeb, u dana ħareġ ta' ragel tasseŭ. Mascagni hu magħdud ucoll bħala ŭieħed m'il aħjar diretturi ta' orchestra u l-aħħar *tournee* (daŭra) li għamel fl-America ŭriet chemm in-nies tridu u chemm titgħaxxak tisma il ħelŭa musica tiegħu u l-actar meta tindakk minn taħt il bacchetta tiegħu li jaf jimmaniġġaha tasseŭ.

# L-"IRIS."

Dina hi ŭaħda m'il opri sbiħ ta' Mascagni u il-librett tagħha hu ta' Luigi Illica. Fiha jidħol l-AGHMA (*Baxx*) missier IRIS (*Primadonna*), xbejba ġappuniża sabiħa iżda li għadha ma fehmetx il kerk ta'd-dinja; OSAKA (*Tenur*) żagħżugħ mogħti għal ħażen u li jitbellaħ ŭara Iris; KYOTO (*Baritonu*) bniedem faħxi li ried għal flus ijgħin lil Osaka biex Iris tinxtehet f'idejh; GŬECA (*Primadonna oħra*) li tieħu seħem f'it-Teatrin ta'l Pupi. Jidħru ucoll Bejjiegħa u Gemmiegħa-iċĊraret u oħrajn.

L-EŬŬEL ATT.

*Ix-xena turi is-sebħ b'il ġmiel ta't-tlugħ ta'x-xemx u tidher id-dŭejra ta' Iris b'il gnejna tagħha. F'il bogħod tidher il muntanja ta'l Fousiyama.*

L-opra tibda bl-Innu ta'x-Xemx li hu dan:—

*Son io!—Son io, la Vita!—Son la Beltà infinita,*
*La Luce ed il Calor.*
*Amate o Cose!—dico—Sono il dio novo ed antico,*
*Amate!—Son l'Amor.*
*Per me gli augelli han canti—i fior profumi e incanti,*
*l'albe il color di rose—e palpiti le cose.*
*Ne' raggi miei fulgenti*
*l'anime paurose*
*ritemprano le genti.*
*Son Io, l'eterno incanto;—Io che rasciugo il pianto*
*e accheto ogni dolor,*
*Che, legge d'Eguaglianza,—dono la Gran Speranza*
*che avviva tutti i cor.*
*De' Mondi Io la Cagione;—de' Cieli Io la Ragione!*
*Uguale Io scendo ai Re—sì come a te, mousmè!*
*Pietà è l'essenza mia.*
*Eterna Poesia*
*Calore, Luce, Amor!*

Iris toħroġ fuk il għatba u tcanta romanza sabiħa li fiha tfisser il ħolma cherha li chellha f'dac il-lejl fuk il pupa tagħha li chienet tħobbha ùisk; u haùn f'il ħin li tgħolli il pupa lejn ix-Xemx titlobha li issellmilha. Iris titlak lejn missierha u Osaka u Kyoto, moħbija, jitchellmu ţukha u jiftiehmu chif għandhom jisirkuha. Iris tieħu il missierha fuk il għatba u jokgħod jitlob; hi tmur issakki il fjuri. Jiġu ħafna *mousmè* (xebbiet) biex jaħslu il ħùejjeġ f'ix-xmara u jakbdu jgħannu. Iris tcanta lill fjuri li tcun issakki.

Haùn jaslu il cummidjanti u fosthom Kyoto u Osaka ma'l gùecas li geù biex ijcantaù. Il mousmè jerħu il ħasil u jduru ma' dùarhom biex jisimgħu. Iris trid tmur tara bħalhom iżda missierha jibża u ma jħallihiex; iżda tibka ftit f'il bogħod tit-taùùal.

Il Pupa Dhia tibda għal taparsi tcanta u tgħid:—

*Misera...Ognor qui sola !—Unque mai mi consola !*
*Morte rapì mia madre...ridotta è mia famiglia*
*a un collerico padre—che non ama la figlia !*
*Ho vesti brutte e lacere...scarne braccia e sottili...*
*gote pallide e grame...son malata ed ho fame*
*e sono le mie lacrime—mie gemme e miei monili !...*
*Chi ascolta i miei dolori ?--non ho amiche ne fiori !*

Il mousmè jieħdu pjacir u jsejjħu l-Iris biex tisma aħjar; din ma tmurx ħdejhom, iżda meta tisma it-taħdita bejn il Pupu Missier u il Pupa Dhia tithajjar tersak biex tara u tisma aħjar. Haùn jibda jcanta Jor, bin ix-Xemx, din ir-romanza sabiħa:—

*Apri la tua finestra !—Jor son io*
*che vengo al tuo chiamar, povera Dhia !*
*Apri la tua finestra al raggio mio !*
*Apri il tuo cor a mia calda malìa !*
*Jor ha ascoltato, o Dia, la tua preghiera !*
*Apri l'anima tua, fanciulla al Sole !*
*Apri l'anima tua a mie parole !*
*Apri il tuo core a me, fanciulla, e spera !*
*Tu vuoi morir ?—Morire io ti farò,*
*ma ti farò morir dal Sol baciata,*
*poscia al paese eterno ti trarrò*
*ove, o fanciulla, tu sarai amata !*

Haùn jibda iż-żfin u x'ħin iż-żeffiena jgħattu l-Iris b'il veli tagħhom Kyoto u l-oħrajn jisirkuha, jħottu malajr it-teatrin u jaħirbu. Kyoto kabel jitlak lil l-agħma missierha jħallilu ittra u xi flus. Haùn l-agħma jibda jfittex il bintu Iris u meta ma jsibhiex hemm actar jaka fl-art jolfok chemm jiflaħ. F'il ħin ijgħaddu xi bejjiegħa u jistaksuh xi ġralu. Dana jitlobhom li jfittxulu il bintu u li jecc ijsibuhielu jatihom cull ma għandu. Daùna ma jsibuhiex iżda jatuh ll flus u il carta li chien kiegħed fuk il għatba Kyoto u jgħidulu li fiha mictub li ħaduhielu il Yoshiùara; loc ħażin. L-Agħma jisħon għal bintu u jitlobhom li jieħduh hemm ħalli jdurha b'il ħartiet u jisħitha talli telkitu biex marret tiġri ùara il fruħa ta'd-dinja.

### IT-TIENI ATT.

*Ix-xena turi il Yoshiùara u il gùecas ijdokku. Iris għada riekda.*

Kyoto jibda jgħajjat ma'l gùecas biex jisctu u jcheċċihom. Jidħol Osaka u jistaksi għal Iris u jrid jaraha. Kyoto jurihielu u jfaħħru chemm jifilħu ġmielha. Osaka kallu jecc min jaf chienetx trid tħobbu u Kyoto ùiegbu li b'il flus ijgħannak u jbus : —

*Abbi denaro e il paradiso è ovunque !*
*Son fior le frasi, le parole foglie,*
*ma il frutto è l'or che satolla le voglie*

u Osaka joħroġ biex ijgibilha xi ftit rigali sbiħ ħalli jiġbidha lejh. Iris meta tistenbaħ taħseb li hi mejjta u li tinsab f'il genna li canta Jor. Iżda x'ħin tara il Kyoto u l-Osaka li ser-kuha tinħasad u tibża. Osaka jersak b'il ħleùùa lejha u jcanta : —

*Oh, come al tuo sottile—corpo s'aggira*
*e s'informa di te la flessuosa—notturna vesta.*
*Senza posa- lo sguardo ti rimira*
*da capo a piè—e l'anima s'appaga*
*nella sorpresa vaga,—nel portento gentile*
*di tua beltà che in festa—alta trionfa in te.*

Iris taħseb li hu Jor ta'l cummiedja iżda Osaka jfehimha li hi sejjra in-karrka għaliex hu chien jismu **iż-Żina**. Haùn tiftacar x'semgħet darba bonżu (kassis ta'l Ġappuniżi) jigħid fuk dina u chemm beżżagħha minnha, u titolbu li jarġa jieħodha għand missierha. Osaka jżigħel biha u jbusha. Iris tinfexx tibchi; u x'ħin Osaka jistaksiha għala tùiegbu li tixtiek tarġa tmur tgħix ma' missierha f'darha u f'il ġnejna tagħha. Osaka jsejjaħ il Kyoto, jgħidlu li dejjkitu u joħroġ il barra. Kyoto jgħajjat magħha u jsicchitha billi jbeżżagħha. Jlibbisha sabiħ biex ijħajjar in-nies u jkiegħidha ùara it-tieka. Ħafna żgħażagħ u xjuħ jiġu jitgħaxxku biha u jixxenku ġmielha. Osaka meta jaraha mixtieka minn cullħadd jarġa jitħajjar u jigi jridha. Kyoto jżommu u f'il ħin li dana jitlobha tħobbu jigi missierha—l-agħma. Iris malli tisma leħnu titla f'il veranda issejjaħlu chemm tiflaħ biex jeħlisha minn hemm. L-Agħma jibda jżeblaħha chemm jiflaħ u jitfgħilha it-tajn għal ùiċċha għaliex jaħseb li tebgħet gieħha, u Iris meta tara hecc tagħli tant li takbeż minn hemm fuk għal isfel biex tmut. Missierha jibka jitmasħan u jgħid contra tagħha cull ma gie f'ilsienu.

### IT-TIELET ATT.

*Ix-xena turi il miżbla fejn ùakgħet Iris.*

Iġ-gemmigħa-iċ-ċraret jiġu jistadu f'd'il miżla biex jaraù x'ijsibu. Jilmħu libsa tlekk u meta jistaduha jintebħu li chienet ticsi gisem mejjet. Osaka jcanta għala caxcar il dic it-tfajla bla tebgħa f'dac id-dagħbien; Kyoto jisħet ir-regħba tiegħu li għall flus gieb dac il għaùġ collu; l-Agħma Missierha jagħli għax tilef il dic il bint li tant chienet tħobbu u li issa ma chel-lux min ijmixxih actar f'il ħajja. Iris tinstama tcanta l-aħħar għanja mniccta ta' ħajjitha billi tgħid li ma tafx għala messha b'xortiha dic il meùt hecc chiefra, mitluka minn cullħadd hi li ma għamlet katt xejn ħażin f'id-dinja; u kabel ma tmut tiżżiħajr l'ix-Xemx li tfeġġ fukha talli hi biss ma ħallithiex ùieħidha u u ix-Xemx tcanta:—

*Te, fior dell'Ideale—chiamo! Iris immortale.*
*ascendi a me !—O mousmè !*
*Lascia il tuo corpo ai fior ;*
*l'anima tua è mia ! D'un fiore all' agonia*
*venite tutti, o fior !*


# BUREAU DE CORRESPONDANCE

**Jecc tridu min jictbilcom xi ittri, ricorsi, petizjonijiet jeù ħùejjeġ oħra bl'Ingliż, bi't-Taljan, b'il Franciż, bl'Ispanjol, b'it-Tedesc u bil Għarbi; jeù tridu xi traduzjonijiet min daùna il-lingùi għal Malti, morru fil SCHOOL OF LANGUAGES (BERLITZ SYSTEM) f'in-numru 17, Sda: Mezzodì, il Belt u tcunu mokdija seùùa ùisk u bi prezzijiet m'il orħos.**

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

( *Jissocta minn numru ta' kabel* )

Dana Xara faccru ucoll f'il ħafna għaŭġ li chien haŭn dic il ħabta bejn il Cavalieri Franciżi u Spanjoli u chif fl-aħħar sab̄u tarħom billi bagħtuhom jitkabdu, f'loc bejniethom, contra Hairiddin sultan ta' Tagiora, li chien ħabat għal Castell ta' Tripli u baka f'ŭiċċu billi il ftit Cavalieri li chien hemm ħarsuh m'il aħjar li setgħu u ġegħluh jarġa l-ura, b'gerħa seŭŭa li dabbar b'tifchira ta' dica it-taktigħa ħarxa. Il Commendatur Bottigella, chif chien l-hemm ħabat għa't-torri ta'l Kaid li chien hemm ftit bogħod minn Tripli u li chien bla ħeda jinbixhom minnu, u għamilha ħrieb billi ma ħalliex ħaġra fuk oħra. Ŭara daru għal belt ta' Tagiora u is-seba mitt suldat li chellu miegħu bejn Maltin u Calabrisi u il mija u ħamsin Cavalier li marru biex ijgħinuh ħarbtuha, għamluha tlief u garreŭ magħhom ħafna prejjeż ucoll. U biex tagħkad seŭŭa huma u gejjin lejn Malta ix-xŭieni ta'l Ordni iltakgħu ma' galjun egizjan b'tagħbija fuku ta' xi mija u sittin elf scud li carcruh ŭarajhom u il General li rebħu ħaduh kalb l-għajat ta'l ferħ ta'l poplu collu f'San Laŭrenz biex ijcantaŭ it-*Te Deum*. Sa da'ż-żmien il Gran Mastru ma chienx għadu gie Malta u meta tkankal u chien gejj marad u miet f'is-26 ta' Settembru 1536 meta ma chienx għadu laħħak sena saltna biss. F'locu haŭn Malta chien ħachem il Cav: Ġacbu Pelloqŭin, li is-Sur Kalamias ftacar fih seŭŭa billi chienu jafu il xulxin.

Faccru il xulxin xi ġrajja oħra ta' żgħużithom u infirdu b'it-tama li jarġgħu jiltakgħu ŭara ftit ġranet u b'il ŭiegħda li jecc is-Sur Kalamias ijħossu ħażin it-Tabib Xara għandu jmurlu Ħal Għaxak bla telf ta' żmien xejn.

* * *

Billi Ħamid chien fuk ix-xŭiec li jcun jaf x'għadda minn missieru Ħasan ŭara li is-Sinjura Enzjona checcietu il barra u billi issa chien sejjer ijŭarrab għal xi ftit ġranet m'il Imdina m'as-Sur Kalamias xtak li chiecu jara chif jagħmel biex Patri Damjan imkar għal issa jtarraflu dic il biċċa biss; u għalhecc malli beda jbexbex, ŭara lejl li għadda bla ma sata jagħlak għajn ma' għajn, beŭŭeġ il barra cutu cutu u leŭŭet lejn il Cnisja ta'l Għar fejn trecchen f'id-dlam jistenna li Patri Damjan jinżel ijkaddes.

Kagħad jitħasseb tuk chemm chellu xortih ħażina missieru bħalu, u chif meta ŭera kalbu u sab kalb oħra li fehmitu u li ingibdet lejh gie x'firdu minnha. «Biss għallankas ma chienetx il meŭt bħal ma ġara lili» ghemghem f'kalbu Ħamid, «missieri fl-aħħar, għad li għadni ma nafx chif, ħa l-ommi u għiex ħieni magħha għal xi żmien, iżda jiena minn Carmena, li actar ma jgħaddi iż-żmien actar insir inħobbha ma bakagħlix ħlief tifchira li tnicchet u dac il musmar għażiż ta' Sidor li cull ma jmur is-sadid tiegħu actar dieħel bl-aħrax ġo kiegħ kalbi.» It-tgħedŭid ta't-talb b'il latin ta' Patri Damjan li għadda minn kuddiemu b'rasu kiebja biex ijmur ijkaddes stenbħu m'id-deħŭa li chien imdaħdaħ fiha, kam, mexa ŭarajh u meta daca tala l-artal, Ħamid inxteħet għa'r-rcopptejh u beda jitlob. Patri Damjan għaraf leħnu u fehem ucoll għala Ħamid baccar hecc cmieni biex mar jisma il kuddiesa tiegħu. Meta spiċċa u Ħamid daħal ŭarajh f'is-sagristija biex ijgħinu jinża, Patri Damjan kallu biex jitla jistennih ŭara il bieb ta'ċ-cella u meta temm l-izziħajr tiegħu l-Alla tala biex ijfarraġ ftit dic il kalb imniccta li fl-isbaħ ta' żgħużitha ma chienx għadha ġarrbet ħlief morr l-actar kalil.

U beda jgħidlu : —

—«Ħamid, naf li minn haŭn u ftit ħin ieħor sejjer tmur Ħal Għaxak ma's-Sur Kalamias u li għalhecc ma intix sejjer takta malajr xeŭktet li tcun taf collha dina il ġrajja ta' nichet tiegħec. Iżda irrid inżidlec ftit ieħor minnha ħalli meta tarġa tigi naslu fejn tixtiek tasal int bla tnicchir ta' xejn.

Mela ħalli infehmec x'għadda minn missierec Ħasan meta telak collu imnicchet m'id-dar ta's-Sinjura Enzjona fejn ħalla ŭarajh l-egħżeż ħaġa li chellu—l-ommoc Colina.

«Ma hemmx bżonn nokgħod ingħidlec ħaġa b'ħaġa l-ugiegħ cbir li nifidlu kalbu meta sama jintebak ŭarajh il bieb ta' dic id-dar li fiha għal l-eŭŭel darba ġarrab il ħleŭŭa kalila ta'l imħabba. Talab chemm il darba l'is-Sinjura Enzjona biex tagħdei dic il bluħa ta' żgħużitu u ma titilkux għal għonk it-triek, bla ħbieb u bla għajnuna u bla ma jaf fejn sejjer ijdabbar rasu; iżda is-Sinjura Enzjona bakgħet samma f'il fehma tagħha għaliex beżgħet minnu li jibka sa jġarrfilha il bintha u beżgħet ucoll minn żeŭgha Ġanni li chien sgur jaktgħilha rasha chemm il darba chienet tiġri dic il gażiba cħerha f'daru u fuk dic bintu li, b'ir-ragun collu, chellu tant żakku minfuħa biha.

«Colina ucoll żerżket xi chelma ta' ħniena iżda bla temma għaliex Enzjona għal l-eŭŭel darba ŭiegħbet lil bintha bl-aħrax u ħedditha li jecc ma tokgħodx għal dac collu li ŭiddbtiha hi chienet sejjra tibgħat tgħarraf lil missierha li miegħu ħadd ma chien jizzarġan li jkajjem il għalla.

«Għaldakstant Ħasan telak għal rieħu, b'sorra ħŭejjeġ taħt abtu u ftit gordi f'butu bla ma jaf biss fejn chien sejjer ijmur jistchenn. Stalla f'il cantuniera, daŭŭar għajnejh mimlija b'id-dmugħ u il ħniena lejn it-tŭieki ta'd-dar t'Abela biex jara tieġġx Colina ħalli jatiha l-aħħar tislima u jġegħilha titma u iżżomm jebes, iżda għal xejn billi ma iffaċċatx ħlief il kaddejja Marì, bi tbissima chiefra fuk xofftejha għax dina ftit chienet iġġibu billi chien daħal hu f'kalb l-Abela u kaċċat il barra lilha.

( *Jissocta.* )

---


## XARADA.

Bl-ilma *l-eŭŭel;* frotta *it-tieni ;*
*L-intier* hu loc ŭisk sabiħ.
X'mitt sen'għandi li 's-sajf jasal
Ħalli nkatta jumejn fih.

LEV:

---

## BINĦAR

fl'4 ta' ŭara nofs inhar il Ħadd li gejj, 20 ta' Novembru ser issir fit-TEATRU MANOEL il famusa Operetta Inglisa

# CAPTAIN REECE

TAL

# " MANTELPIECE "

li għamlet success li ma bħalu, tant li marru jaraŭha saħansitra il Gvernatur, il General, u bosta cbarat oħra Inglisi u Maltin.

Min għadu ma rahiex, ma jitlifx l'occasioni li jaraha.

NHAR IL ĦADD LI GEJJ

BINĦAR

fl'4 ta' ŭara nofs inhar.

# "IŻ-ŻUNŻANA."

Da'l ŭakt sejjra tibda toħroġ dina il gazzetta ġdida b'il Malti u li sejjra tcun suppliment ta'n-«Naħla» tiegħi.

Nistħajjilcom tgħiduli: «X'hemm bżonnha? ma għandecx in-«Naħla,» din ma hix b'iż-żejjed?» Meta infehimcom għala sejjer noħroġha taraŭ intom stess chif tatuni raġun.

In-«Naħla» ħlakta biex ingħallem il poplu u irnexxiet actar milli katt ħsibt jiena għaliex lakgħuha u ferħu biha l-aħjar nies u l-actar intelligenti ta'l pajjis. Iżda bosta oħrajn ma humiex ħlief ijghemgmu li jridu jakraŭ l-aħbarijiet, il baned ijridu il programmi, l-imsieħbin ijridu in-necrologiji, id-devoti ijridu il festi, xi uħud ijridu il polemichi, aħna cull tant ijcollna bżonn niddefendu ruħna contra il ghideb u it-tnassis ta'l għedeŭŭa tagħna u ta' daŭc li in-«Naħla» tiegħi iġġiegħilhom tant jitkagħŭxu bl-ugiegħ ta' żakk. Fi ftit cliem, billi il «*Malta Tagħna*» ilha toħroġ fuk għoxrin sena u għal żmien tŭil chienet timraħ hi biss f'idejn il poplu baxx, dana dara jakra daŭc l-affarijiet għad li fihom il ħajja biss ta' mument u jridhom.

Jiena biex niccuntenta il cullħadd u naktagħlu xeŭktu sejjer ma indumx ma noħrorġ gazzetta oħra ta' cull gimgħa li tatiħ dac collu li soltu jakra f'il «*Malta Tagħna*» u aħjar, cull tant bl-istampi u b'il premji, u

## B'NOFS PREZZ

billi għad li jcun DAKS il «*Malta Tagħna*» ma jcunx ijkum ħlief ŻEŬĠ XELINI F'IS-SENA (sitt ħabbiet cull numru) li jitħallsu xelin cull sitt xhur b'il kuddiem. L-ispejjes ta'l posta jitħallsu barranin. Min hu imsieħeb f'in-«Naħla» ma jħallasx ħlief XELIN F'IS-SENA BISS ACTAR u posta ma jħallasx barranija billi jircevih ma'n-«Naħla» bħala *supplement*. Dana ix-xelin jitħallas f'dakka u bil kuddiem.

B'hecc in-«Naħla» tibka *rivista* u jcun fiha m'il bidu sa'l aħħar ħŭejjeġ ta' tagħlim biss, u il frac, l-aħbarijiet, in-necroloġiji u il ħŭejjeġ l-oħra jgħaddu f'IŻ-ŻUNŻANA billi dina tcun gazzetta li meta tinkara ŭieħed jista jkattagħha għaliex l-aħbarijiet ijmutu malajr u in-«Naħla» tiftaħ actar il ŭisa għat-tagħlim li jibka jinġabar sa il karrejja ta'l malti jcollhom ENCICLOPEDIJA minnha li isservi lilhom u lill uliedhom.

Id-daks ijcun l-istess ta'n-«Naħla» u bl-istess carta, biss b'ERBA faċċati f'loc bi tmienja. Dina tcun tinbiħ f'it-torok ucoll iżda b'IS-SOLD IL COPJA. Mela jakblilcom actar li tissieħbu u MIN JIBGHAT JISSIEHEB MA TUL DANA IX-XAHAR MA' L-EŬŬEL HLAS LI JAGHMEL JIEHU B'RIGAL IL «MAHBUB TA' GESU': IS-SABIH CTIEB TA'S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI. Mela billi tieħdu dana il ctieb riġal il ħlas ta's-sena jarġa JONKOS B'XELIN u b'hecc l-imsieħbin ta'n-«Naħla» jcunu kiegħdin jieħdu għal l-eŭŭel sena IŻ-ŻUNZANA B'XEJN u min ma hux imsieħeb f'in-«Naħla» JCUN KIEGHED JIEHU GHAL-LEŬŬEL SENA GAZZETTA AHJAR M'IL «*Malta Tagħna*» u **B'XELIN BISS** F'LOC B'ERBA XELINI. Dana juri li għad bakagħli iż-żejt għaliex il ġurnalismu għalija hu ideal u passatemp u m'hux maxtura u ħobż ta' cull jum.

L-EŬŬEL MITT IMSIEHEB natihom ucoll copja cull ŭieħed ta'l Eŭŭel Taksima ta's-«SAHHAR FALZUN» u b'hecc l-eŭŭel sena tcun giethom B'XEJN, u daŭc li huma ġa imsieħbin f'in-«Naħla» jcunu fuk ir-rieħ. Mela fittxu ibagħtu issieħbu B'ITTRA MILL ACTAR FIS u jecc fiha tibagħtu il flus li fehimtcom tircievu il premji.

**A. LEVANZIN.**



## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seũũa seũ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeũ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ũara nofs inhar dejjem id-dar.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgħa, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caũba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

## BRITANNIA

## L-OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqũida) sab chif minn dina l-arja liqũida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

AAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħũejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tũiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daũl kaũũi u sabiħ ũisk u ħafna ħũejjeġ oħra bħal daũn ta'l aħjar qũalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaũ biex taraũ chif toħorġu cuntenti sgur.

## INVENZJONI FAMUSA

**li sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il ħasil.**

**Mela biex tiffrancaũ ix-xogħol u l-għeric**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaũ is-sapun għaliex taħlu ftit**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

## UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**



Min hu marid bi-ANEMIJA (nakar ta'g-demm) u jrid ijfiek F'GĦOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ũara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaũũi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaũũija. Daũna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaũħ fukhom stess jeũ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbiegħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

## IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haũn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seũũa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaũ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ũara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeũ jagħmel il gid lil cull min juzah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŨĦ GĦALIEX MA JIDDIELCOMX!**

In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.